II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 41/2013

tas-17 ta' Jannar 2013

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 441/91 dwar il-klassifika ta' ċerti oġġetti fil-kodiċi NM 1704 10 19, 1704 10 99, u 9502 10 10 tan-Nomenklatura Magħquda li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1287/83

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], u speċjalment l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 441/91 tal-25 ta' Frar 1991 dwar il-klassifika ta' ċerti oġġetti fil-kodiċi NM 1704 10 19, 1704 10 99, u 9502 10 10 tan-nomenklatura magħquda li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1287/83 [2], pupi tal-plastik b'sider tal-plastik trasparenti mimli b'ħelu żgħir ġew ikklassifikati taħt il-kodiċi NM 1704 10 19 u 1704 10 99 fir-rigward tal-ħelu u taħt il-kodiċi NM 9502 10 10 fir-rigward tal-pupi. B'konsegwenza tal-introduzzjoni tan-Nota 4 tal-Kapitolu 95 tan-Nomenklatura Magħquda b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, dawk l-oġġetti għandhom jiġu kklassifikati flimkien bħala kombinazzjonijiet li għandhom il-karattru essenzjali ta' ġugarell taħt il-kodiċi NM 9503 00 21.

(3) Ir-Regolament (KEE) Nru 441/91 għandu għalhekk jiġi emendat f'dan is-sens.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-tabella stabbilita fl-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 441/91 tinbidel bit-tabella mniżżla fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Jannar 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 02, Volum 02, p. 382).
[2] ĠU L 52, 27.2.1991, p. 9 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 02, Volum 04, p. 188).

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Pupa tal-plastik b'idejn u saqajn li jiċċaqalqu, twal 140 mm, b'sider tal-plastik trasparenti mimli b'madwar 10 g ta' ħelu żgħir, li fih is-sukrożju, li jista' jitneħħa minn fetħa taħt il-bokkla taċ-ċinturin tal-pupa.	9503 00 21	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 4 tal-Kapitolu 95 u bil-kliem tal-kodiċi NM 9503 00 u 9503 00 21. L-oġġetti ma jistgħux jitqiesu bħala "oġġetti ppreżentati f'settijiet għal bejgħ bl-imnut" taħt it-termini tar-Regola Ġenerali 3(b), għax mhumiex ippreżentati flimkien biex jissodisfaw ħtieġa partikolari jew biex iwettqu attività speċifika. Dawn mhumiex relatati ma' xulxin u mhumiex maħsuba biex jintużaw flimkien jew ma' xulxin (il-ħelu huwa prodott li jittiekel, filwaqt li wieħed għandu jilgħab bil-pupa). Il-pupa hija oġġett tal-intestatura 9503 flimkien ma' ħelu tal-intestatura 1704, u l-kombinazzjoni għandha l-karattru essenzjali ta' ġugarell. (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-NM għan-Nota 4 tal-Kapitolu 95). Għaldaqstant għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 9503 00 21 bħala pupi.